MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru. 300/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Spiridione Xerri**

**Kumpilazzjoni Nru: 300/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Spiridione Xerri ta' 57 sena, bin John u Rita nee' Delia, imwieled l-Imsida, fid-29 ta' Lulju, 1953, u residenti fil-fond Juldion, Triq ix-Xghajra, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 523253(M).

Akkuzat talli fl-24 ta' Dicembru, 2007 jew fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-

firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi ddahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

U kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 183, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li z-zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma alternattivi ghal xulxin.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semnghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta t-tieni imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi la darba l-ewwel imputazzjoni hija alternattiva ghat-tieni imputazzjoni, li giet ammessa, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ghar-ragunijiet premessi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------